QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 18 TA' JANNAR 2002

Avviz Nru 2214/97DM

Vincent Cachia

vs

Francis Micallef

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex jersaq ghall-hlas u likwidazzjoni ta' danni sofferti mill-attur kagun ta' feriti gravi u volontarji liema feriti hu unikament responsabbli, liema incident gara fit-tlettax (13) ta' Ottubru 1994.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali ta' 26 ta' Settembru 1997 u kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza l-ammont mitlub gie dikjarat li huwa anqas minn hames mitt lira (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Kuntrarjament ghal dak li qieghed jigi allegat fl-avviz, fl-ismijiet fuq indikati kien l-attur responsabbli ghall-incident li fih huwa sofra l-feriti; anzi kien l-istess attur li kkaguna diversi feriti lill-konvenut u li sviluppa ruhu fl-incident tat-13 ta' Ottubru 1994;

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-deposizzjoni tal-konvenut moghtija lill-Magistrat Supplenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;  u

Ikkunsidrat:-

Li ghal dak li jirrigwarda ghall-incident in kwistjoni  jirrizulta ampjament illi effettivament fi' glieda bejn l-attur u l-konvenut l-attur kien sofra xi feriti gravi a kawza ta' liema huwa kien prekluz milli jattendi ghax-xoghol ghal perjodu ta' almenu tlett (3) xhur bejn it-13 t'Ottubru 1994 u l-31 ta' Jannar 1995.

Ghalkemm l-attur fid-deposizzjoni tieghu jghid illi f'dan il-perjodu huwa tilef, il-linea ta' **lucrum cessans,**   ammont ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin), mill-prospett ipprezentat minn Alfred Mifsud, li huwa l-'wages Manager' tal-Malta Drydocks, jirrizulta illi fit-tlett (3) xhur  illi l-attur ma kienx attenda ghax-xoghol tilef biss in linea ta' 'overtime allowances' somma totali ta' Lm135.20 (mija hamsa u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmi). Is-Sur Alfred Mifsud ikkonceda ukoll illi, ghal perjodu ta' hmistax il-gurnata li ma setghax isib informazzjoni dwar xi thallas mill-kumpanija Malta Drydock lill-impjegati, huwa kien iddikjara illi tista' tizdied somma ta' ghoxrin lira mas-somma minnhu stabbilita ta' Lm135.20 (mija hamsa u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmi).

Ghaldaqstant tillikwida id-danni totali illi tilef l-attur a kawza ta' dan l-incident fis-somma ta' Lm155.20 (mija hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmi).

Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta', il-konvenut jistrieh biss fuq fid-deposizzjoni tieghu fuq l-allegazzjoni illi meta huwa agixxa kien agixxa taht provokazzjoni billi huwa kien digia' precidentement sofra agressjoni mill-attur meta agixxa u kkawza il-feriti li ppreludew lill-attur milli jattendi ghax-xoghol.

Ghalkemm fil-kamp Kriminali din il-provokazzjoni tista' twassal ghad-diminuzzjoni fil-piena stabbilita, fil-kamp Civili m'hiex sufficcjenti biex tezonera lill-istess konvenut mir-responsabbilta tal-azzjoni tieghu, nonostante li l-provokazzjoni tkun ippruvata.

Infatti l-istess konvenut jammetti illi kien huwa responsabbli tal-ferita gravi illi sofra l-konvenut u ghalhekk ghandhu jigi meqjus bhala  responsabbli ghal konsegwenzi tal-istess.

Ghaldaqstant filwaqt illi tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghal feriti gravi illi sofra l-attur fit-13 t' Ottubru 1994 qieghda tiddikjara wkoll illi l-konvenut ghalhekk huwa responsabbli li jghamel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali u qieghda tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm155.00 (mija hamsa u hamsin lira Maltin) u

qieghda tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta’ Lm155 (mija u hamsa u hamsin Lira Maltin) hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ29